---

28 ta' Marzu, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Rikors tal-Farmaċista Nicola Spiteri

**Sekwestru Ġudizzjarju — Art. 854 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fi kwalunkwe stadju tal-kawża l-Qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew "ex officio" tordna s-sekwestru ġudizzjarju.*

*Dan il-provvediment hemm loku meta jkun hemm kwistjoni fuq il-proprjetà ta' l-oġġett fil-kawża, u l-ġudikant ikollu biża' fondat li jekk l-oġġett jibqa' jintuża minn waħda mill-partijiet jista' eventwalment jiddanneġġja ruħu.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors preżentat mill-appellant Farmaċista Spiteri fis-26 ta' Marzu 1947;

Rat ir-risposti ta' l-appellati Mallia u Gasan;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 854 tal-Proċedura Ċivili), tista' l-Qorti fi kwalunkwe stadju tal-kawża, fuq talba ta' waħda mill-partijiet u anki "ex officio", tordna s-sekwestru ġudizzjarju, li huwa intiż biex iħalli l-oġġett li hemm fuqu l-kwistjoni fl-istat li jkun jinsab mingħajr ma jsiru l-ebda danni jew deterjoramenti da parti mill-waħda jew l-oħra mill-partijiet;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi kif ġie deċiż minn din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru 1908 in re "Dato vs. Azzopardi Bellotti", is-sekwestru ġudizzjarju għandu jiġi mogħti meta hemm kwistjoni fuq il-proprjetà, kif inhu l-każ, u meta min għandu jiġġudika jkollu

biża' fondat li jekk l-oġġett jibqa' jintuża minn waħda mill-partijiet jista' eventwalment jiddanneġġja ruħu — element li f'dan il-każ jirrikorri, għaliex jekk l-appellat Mallia jibqa' juża l-karrozza sakemm tinqata l-kawża quddiem din il-Qorti, il-karrozza bil-miljaġġ li tkun għamlet ċertament tiddeterjora ruħha, kif tista' wkoll minħabba dak l-użu jiġrilha danni iż-jed serji. Għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tittieħed din il-miżura prekawzjonali biex il-karrozza tibqa' fl-istat li hija l-lum;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba miġjuba bl-imsemmi rikors, u għalhekk tinnomina bħala sekwestratarju ġudizzjarju lil Robert Butler, u tordna lill-appellat Mallia li l-lum stess jikkonsenja l-karrozza lill-imsemmi sekwestratarju ġudizzjarju, bl-obligu li jieħu kura tagħha bid-diliġenza li trid il-liġi u li jirrestitwiha lill-persuna li tkun indikata minn din il-Qorti;

Spejjeż riżervati.